Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 575/1997/1

Joseph Buttigieg
vs
Is-Segretarju Permanenti, Ufficcju tal-Prim Ministru

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz f'Mejju u Gunju 1987, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi: (1) kien il-mira ta' diversi transfers vendikattivi; u (2) gie mtellef fis-seniority tieghu skond l-istaff list tal-impjegati tac-Civil, pubblikata fl-1 ta' Jannar 1989; minghajr raguni valida, anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent ilu impjegat mal-Gvern mill-1959 u fl-1978 kellu l-grad ta' Assistant Head. F'dan ir-rigward huwa okkupa diversi karigi f'Dipartimenti tal-Gvern. Dejjem kellu xoghol

ta’ responsabbilita` kbira fil-karigi li kien jokkupa. Meta kien jahdem fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, kien responsabbli minn diversi “desks” u fforma parti minn numru ta’ delegazzjonijiet ufficjali tal-Gvern li kellhom tahdidiet bilaterali kif ukoll ha sehem f’konferenzi internazzjonali fejn kienu ttiehdu diversi decizjonijiet ta’ livell gholi.

Ir-rikorrent kien ghamel zmien fil-kariga ta’ Kap tal-Protocol, fejn kien responsabbli mill-organizzazzjoni ta’ diversi visti statali. Huwa hadem mill-qrib ma’ Ministri Maltin kif ukoll barranin li kienu jzuru pajjizna f’dan il-perjodu.

Illi mill-1980 sal-1987, ir-rikorrent kien jifforma parti mit-team ta’ advisors li kellu l-Ministru tas-Sahha, li kellu responsabblita` li jfassal il-policies mehtiega u jassigura li dawn jigu mwettqa. Ir-rikorrent kien jahdem qrib hafna tal-Ministru u l-Kapijiet tad-Dipartiment tas-Sahha. Ghal diversi snin kienu l-uniku Assistant Head fil-Ministru tas-Sahha u kien responsabbli mill-bicca l-kbira tas-Sezzjonijiet Amministrattivi tad-Dipartiment u wkoll tal-Ministeru nnifsu.

Illi kemm meta kien jahdem fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, kif ukoll fil-Ministeru tas-Sahha, minhabba n-natura tax-xoghol li kellu, ir-rikorrent awtomatikament gie involut fid-decizjonijiet politici li ttiehdu.

Illi mal-bidla fil-Gvern wara l-elezzjoni ta’ Mejju 1987 ir-rikorrent minghajr ebda raguni valida, kien gie mwaqqaf milli jkompli jwettaq id-doveri tieghu fil-Ministeru tas-Sahha. Huwa gie trasferit ghad-Dipartiment tas-Sahha, fejn dam biss gurnata, ghaliex dakinhar stess, Dr. John Giglio, it-Tabib Ewlieni tal-Gvern, kien infurmah li fuq ordni minn Kastilja, ir-rikorrent kien gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Posta, bhala “Treasury Accounting Officer”.

Illi wara gurnata u nofs il-Posta, ir-rikorrent kien baghat ghalih is-Sur Vince Degaetano, tal-“Establishments”

Kastilja u ordnalu biex jirraporta ghax-xoghol fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili.

Illi wara gimgha li r-rikorrent kien ilu fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, kien rega' gie mitlub imur Kastilja, fejn is-Sur Emanuel Sammut "Establishments Secretary" infurmah li kien spicca mid-DCA. Meta r-rikorrent staqsa fejn kellu jmur, huwa gie mgharraf li ghalissa kellu jmur id-dar sakemm isibulu post. Dakinhar kienet il-gurnata tal-Hamis (filghodu) u r-rikorrent kif gie ordnat, mar id-dar u kellu jistenna sat-Tnejn ta' wara sakemm baghtu ghalih.

Illi f'din l-okkazjoni, ir-rikorrent kien gie nfurmat li kien ser jinzamm Kastilja, fejn dam maghluq f'ufficcju wahdu ghal tlett gimghat shah, bla ma nghata ebda xoghol x'jaghmel, ghalkemm talab ix-xoghol diversi drabi.

Illi wara dan, kien baghat ghar-rikorrent is-Sur Joe Sammut "Administrative Secretary" fejn infurmah li kien ser jittrasferih ghall-Water Works Department bhala "Treasury Accounting Officer". Meta r-rikorrent staqsa ghalfejn kien qed jigi trattat b'dak il-mod billi jigi trasferit minn post ghall-iehor, is-Sur Sammut wiegbu li hu ma kienx jaf bihom it-transfers l-ohra u li l-uniku transfer ufficjali kien dak ta' l-ahhar.

Illi in oltre fl-iStaff List pubblikata fl-1 ta' Jannar 1986 (Dokument A), ir-rikorrent kien jidher bhala l-25 wiehed fil-lista ta' Assistant Heads fic-Civil. Madankollu, meta giet ippubblikata Staff List ohra fl-1 ta' Jannar 1989 (Dokument B), ir-rikorrent tnizzel bhala t-82 wiehed.

Illi bir-"regrading" li sar ir-rikorrent kien gie ingustament imtellef mis-seniority li kellu u gie maqbuz minn ghadd kbir ta' impjegati li kellhom anqas servizz minnu. B'konsegwenza l-istess "regrading" ikkawza telf ta' promozzjoni lir-rikorrent billi impjegati li kienu 'juniors' tieghu gew ikkunsidrati ghall-promozzjoni qablu u bosta minnhom gew promossi ghal grad oghla. Ghalhekk ir-rikorrent sofra wkoll telf finanzjarju.

Illi ma kien hemm l-ebda raguni valida ghaliex dan kellu jigri, peress illi r-rikorrent kien ilu jokkupa l-kariga ta' Assistant Head fis-Servizz Civili ghal ghaxar snin u dejjem qeda d-dmirijiet tieghu bl-akbar abbilta` u efficjenza.

Illi ir-rikorrent baqa' ma nghata ebda raguni valida ghat-transfers kollha li kien inghata u t-trattament hazin u ingustizzja li sofra b'konsegwenza tal-publikazzjoni tal-iStaff List tal-1 ta' Jannar 1989, anzi hass illi kull ma gara x'aktarx kien ghal mottivi politici.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofra, ir-rikorrent bata moralment kif ukoll fizikament. Huwa ghamel zmien twil ibati minn xokk, ansjeta` u tensjoni kbira u sahansitra spicca rikoverat l-isptar. Barra minn hekk bil-pubblikazzjoni tal-iStaff List tal-1 ta' Jannar 1989, ir-rikorrent kien gie mtellef ic-cans li jigi kkunsidrat ghal promozzjoni. Dan kellu effett negattiv fuq il-karriera tar-rikorrent u apparti t-tbatija morali, ir-rikorrent sofra wkoll telf finanzjarju.

Illi b'hekk, ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent fil-perjodu fuq indikat, kien garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien sejjer iressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimejdu billi:

1. jinghata kumpens ghall-ansjeta`, tensjoni, trattament ingust u tbatija morali li sofra, meta fil-perjodu indikat kien gie trasferit minn post ghall-iehor, minghajr ebda raguni valida u anke mtellef is-seniority li kellu fis-Servizz Civili.

2. Jerga’ jinghata postu fuq l-istaff list tas-Servizz Civili, skond is-seniority li kellu fuq il-lista tal-1 ta’ Jannar 1986 u tinghatalu kull promozzjoni li seta’ kien intitolat ghaliha, ghall-grad li kien imiss, b’effett retroattiv mid-data li kien jishoqqlu tali promozzjoni.

3. jithallas l-arretrati ta’ paga relattivi ghal dak il-grad mill-gurnata li suppost ha tali promozzjoni.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent talab li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta’ Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-intimat li eccepixxa:

Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru m’huwiex il-legittimu kontradittur rigward dik il-parti ta’ l-ilment li tittratta l-hatriet ghal Kapijiet ta’ Dipartimenti ghaliex tali hatriet isiru mill-Prim Ministru li skond il-Kostituzzjoni jagixxi wkoll wara li jikkonsulta ruhu mal-Kummissjoni dwar is-servizz Pubbliku.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi mir-records li jezistu fil-Managment and Personnel Office l-uniku ‘transfer’ li nghata r-rikorrent fiz-zmien indikat minnu kien meta gie trasferit mid-dipartiment tas-Sahha ghall-Water Works Department fit-22 ta’ Gunju 1987.

Illi dawk il-persuni li isimhom jidher qabel dak tar-rikorrent fl-ordni ta’ l-anzjanita` fl-iStaff List ta’ l-1989, kienu jidhru

wkoll qablu fil-lista ta’ l-Administrative Officer fl-iStaff List ta’ l-1978 jigifieri qabel ma hu nghata l-hatra ta’ Assistent Kap.

Illi l-hatra ta’ Kap tad-Dipartiment tal-Gvern hija specifikament regolata mill-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u din issir mill-Prim Ministru wara konsutlazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Mhuwiex stipulat li tali hatra trid issir skond xi ordni ta’ anzjanita`. Fil-fatt ghalkemm l-anzjanita` tinghata l-konsiderazzjonijiet li jixirqilha mhix fost il-kriterji li a bazi taghhom jinghataw hatriet f’dan il-livell.

Illi ma saret l-ebda distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza a skapitu tar-rikorrent fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997. Dan hu ppruvat mill-fatt illi fl-1993 ir-rikorrent inhatar Direttur (Operations) fid-Divizjoni tad-Dwana.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan it-Tribunal joghgbu ma jilqax it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Gie prezentat affidavit tar-rikorrent fejn fih intqal li kien ilu impjegat mal-Gvern minn Awissu tal-1959 bhala Fizzjal id-Dwana. Bejn l-1972 u l-1987 serva fil-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin u fil-Ministeru tas-Sahha u kellu xoghol ta’ responsabilita` kbira u dejjem qeda dmirijiet b’abbilta` u hila. Kien membru f’numru ta’ delegazzjonijiet gholja tal-Gvern sew bilaterali kif ukoll multilaterali fejn ittiehdu diversi decizjonijiet importanti ta’ livell nazzjonali. Kellu wkoll il-kariga ta’ Kap tal-Protokoll fejn kien jorganizza

diversi visti statali u ghamilha wkoll ta’ kap tal-Ministeru fl-assenza tal-principal. F’Settembru 1978 kien gie mlahhaq Assistant Kap. Bejn l-1980 u l-1987 kien parti mit-team ta’ advisors tal-Ministru tas-Sahha u kien l-uniku Assistant Kap fil-Ministeru w id-Dipartiment b’responsabbilta` fuq il-bicca ‘l kbira tas-sezzjonijiet tad-Dipartiment u hadem fil-qrib ma’ Ministri tal-Gvern.

Semma li mal-bidla fil-Gvern fl-1987 bla ebda raguni valida gie trasferit ghad-Dipartiment tas-Sahha fejn dam biss gurnata. Dr John Giglio CGMO infurmah li kien gie trasferit ghall-Posta bhala Treasury Accounting Officer. Wara gurnata u nofs il-Posta gie trasferit fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili u wara gimgha baghat ghalih s-Sur Emmie Sammut Establishments Secretary u bla ebda raguni nfurmah li kien spiccajt mid-DCA u qallu biex imur id-dar sakemm jibghat ghalih. Wara erbat ijiem kienu baghat ghalih is-Sur Sammut u nfurmah li kien ser jinzamm Kastilja, fejn hallewh ghal tliet gimghat shah bla xoghol ghalkemm talab diversi drabi.

Ir-rikorrent qal li f’Gunju 1987 kien baghat ghalih is-Sur Joe Sammut Administrative Secretary, fejn infurmah li kien ser jibghatu d-Dipartiment tal-Ilma bhala Accounting Officer. Ir-rikorrent qallu li dak kien il-hames transfer li qala f’hames gimghat izda s-Sur Sammut ma kienx jaf bl-ebda trasnfer iehor hlief dak ufficjali li kien qed jghidlu bih hu dak il-hin. Semma c-cirkulari OPM 40 tal-1987 datata 13 ta’ Mejju 1987 iffirmata mis-Sur Sammut fejn kienet tghid li “No transfers of personnel service in Government Departments or in other public sector agencies should take place for the time being.” Zied jghid li t-transfers li tawh ghajr l-ahhar wiehed ma kienux jidhru fit-transfer list Nru 6 tal-1987 datata 30 ta’ Gunju 1987.

Semma li kienet qabditu trawma psikologika li hassha tifnieh, tiddemoralizzah u tghajjieh sew fizikament kif ukoll mentalment bil-konsegwenza li f’Ottubru 1987 gie operat. Qal li dan kellu effett negattiv fuqu u fuq il-familja tieghu fejn ghaddew minn diffikultajiet kbar billi kulhadd sofra l-konsegwenzi ta’ dak li gara lilu.

Qal li fl-Istaff List ta’ l-1 ta Jannar 1986 kien jinsab fil-25 post fil-lista ta’ Assistant Heads fejn kien ilu sa minn Settembru 1978 filwaqt f’dik ta’ l-1 ta’ Jannar 1989 sab ruhu mnizzel fit-82 post. Qal li kien tilef is-seniority li kien ilu jgawdi ghal aktar minn 10 snin u li 60 persuna li kienu ilhom juniors tieghu gew ikkunsidrati ghall-promozzjoni qablu.

Semma li dak kien fisser telf finanzjarju sostanzjali ghalih f’salarju anqas specjalment fl-ezercizzju tar-regrading fil-bidu tad-disghajnijiet u dak gara minkejja li kien ilu jokkupa l-kariga ta’ Assistant Head ghal aktar minn 10 snin kif ukoll seniority relattiva ghall-istess perjodu u dejjem qeda dmirijietu bl-akbar abbilta`, efficjenza u reqqa. Qal li qatt ma nghata raguni valida ghat-transfers li qala’ u ghat-trattament hazin u ingustizzja li sofra u jhoss li dak li gara kien ghal motivi politici. Semma li minhabba li gie mtellef is-seniority, gie mtellef ukoll ic-cans ghal promozzjoni kif kien jisthoqqlu u kif kien rakkomandat mic-CGMO ta’ dak iz-zmien. B’hekk kellu effett negattiv fuq il-karriera tieghu li jibqa’ jbatiha sal-ahhar. Zied jghid li matul il-karriera tieghu dejjem ghamel dmiru sew, ikun min ikun fil-Gvern, izda dan ma giex dejjem apprezzat kif jixraq u r-rikorrent cert li sofra minn diskriminazzjoni politika.

Semma li mix-xhieda ta’ Anthony Briguglio, Charles Stafrace, Charles Spiteri Shaw u Joseph Sammut irrizulta li t-transfers li kien qala’ f’Mejju u Gunju 1987 ma kienux transfers ufficjali u ghalhekk seta’ jinghad li dawk kienu transfers bi skop ulterjuri li jista’ jkun sew politiku, vendikattiv jew it-tnejn. Qal ukoll li ghalhekk dawk it-transfer kienu saru bi ksur ta’ Cirkulari 40/87 tal-OPM mahruga mill-Administrative Secretary innifsu bid-data tat-13 ta’ Mejju 1987. Esebixxa zewg dokumenti li juru lista ta’ ufficjali tac-Civil li sa Mejju 1987 kienu Juniors tieghu, u li sal-1 ta’ Novembru 1993 saru grad daqsi u anke qabzuh u l-ezercizzju tas-salarji. Ir-rikorrent qal li qatt ma kellu rapporti hziena kontrieh izda ghall-kuntrarju, kellu rakkomandazzjoni ghall-promozzjoni mic-Chief Government Medical Officer fil-Ministeru tas-Sahha fejn

kien jahdem.  Esebixxa lista ta’ 28 ruh li kienu tahtu u spiccaw fuqu u li qabzuh fir-rank.

Zied li fl-1996 lahaq Permanent Secretary fil-Ministeru tas-Sahha pero’ substantively baqa’ Assistant Headu wara tlett snin ma’ geddulux il-kuntratt ta’ Permanent Secretary. Lahaq substantively Direttur Grad 4 fi Frar 2000.

Xehed Tony Briguglio u dwar ir-rikorrent qal li meta hu kien in charge mill-personnel, kien mar ir-rikorrent u qallu li kien trasferit ghal maghhom pero` xi jumejn kien ghamel.  Semma li l-principal kien qallu biex ipoggieh f’kamra adjecent hdejh pero` ma damx, xi jumejn kollox.

Xehed Charles Stafrace Direttur mal-Ministry of Education fejn semma li fl-1987 kien jahdem il-Minsitry of Agriculture u minn nofs Mejju ‘l quddiem kien mar is-Civil Aviation Department.  Gimgha wara li kien ilu hemmhekk kien mar ir-rikorrent fis-Civil Aviation Department u kull ma ghamel kien xi gimgha, hamest ijiem u wara rega’ gie trasferit pero` ma kienx jaf minn fejn gie u fejn mar.  Semma li lir-rikorrent kien jafu qabel fic-Civil.

Xehed Charles Spiteri Shaw li semma li fl-1987 kien jahdem fl-Ufficcju tal-Prim Ministru pero` mit-12 ta’ Mejju ‘l quddiem kien baghat ghalihom is-Sur Sammut u ma kienux qeghdin ikunu operational izda kienu f’kamra, speci ta’ boardroom.  Ftakar li kien mar ukoll ir-rikorrent mill-Ministeru tas-Sahha, li kien ghamel xi gimghatejn, tlieta.  Qal li ma jafx fejn mar wara ghalkemm possibilment il-Posta u l-Water Works.

Xehed Joseph Sammut li semma li rtira fil-31 ta’ Lulju 1995 mill-kariga ta’ Administrative Secretary kif ukoll minn Permanent Secretary Office of The Prime Minister.  Qal li lir-rikorrent jafu u ftakar li r-rikorrent kien jahdem it-Tezor. Semma li ma jiftakarx pero` ma eskludiex li kien baghat lir-rikorrent jaghmel xoghol ta’ Accounting Officer mad-Dipartiment tat-Tezor izda fil-Water Works.  Ma ftakarx izda ma eskludiex li bejn l-1983 u l-1987 ir-rikorrent kien jahdem bhala Assistant Head fil-Ministeru ta’ Dr. Moran, fil-Ministeru tas-Sahha.  Semma li normalment meta n-

nies ikunu ha jigu transferred kien jibghat ghalihom u jghidlhom hu stess. Ma eskludiex il-possibbilta` li seta' baghat ghar-rikorrent fuq transfer. Qal li lir-rikorrent kien jistmah bhala habib u ghalhekk ma kienx ser jaqbad u jaghmillu transfer minghajr anqas biss ikellmu. Ra d-dokument a fol 32 tal-process fejn jirrizulta lir-rikorrent kien gie trasferit mill-Health ghall-Water Works Department. Qal li kull transfer minn dipartiment ghall-iehor suppost ghandha tigi recorded.

Xehed <u>Noel Enriquez</u> Assistant Director Resourcing fl-MPO fejn semma li r-rikorrent li dak iz-zmien kien Assistant Head kien gie trasferit fit-22 ta' Gunju 1987 mid-Dipartiment tas-Sahha ghad-Dipartiment tal-Water Works bhala Accouting Officer. Eventwalment ir-rikorrent gie trasferit ghal mad-Dwana mal-hatra tieghu ta' Director Operations fit-2 ta' Ottubru 1993 fuq Performance Agreement ta' tliet snin. Qal li mir-records ufficjali taghhom dawk biss kienu indikati. Ikkonferma li r-rikorrent kien jidher bhala l-25 wiehed fl-Istaff list tal-1 ta' Jannar 1986 tal-Assistant Heads u sussegwentement gie mnizzel bhala l-82 wiehed fl-istaff list ta' 1 ta' Jannar 1989 u dan minhabba l-fatt li l-lista ta' Assistant Heads kienet giet aggustata permezz ta' Decizjoni tal-Kummissjoni Ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, liema rikors gie infilzat fir-rikors numru TII 1005/97.

Semma li l-hatra ta' Kap ta' Dipartiment tal-Gvern hija specifikament regolata mill-Artikolu 92(4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u din issir mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Mhux stipulat li tali hatra trid issir skond xi ordni tal-anzjanita`, ghalkemm l-anzjanita` tinghata l-konsiderazzjoni li jixirqielha, izda mhix fost il-kriterji, li a bazi taghhom, jinghataw hatriet f'dan il-livell. Semma lin-nies li fil-lista tal-1986 kienu warajh u f' ta' 1989 dehru qablu. Qal ukoll li llum Assistant Head ma ghadux jezisti, ghaliex mill-1 ta' Jannar 1991, bir-riforma, sar Officer in Grade 5 u r-rikorrent bil-hatra ta' Director Operations id-Dwana, tat-2 ta' Novembru, 1993, gie fi scale 4. Qal li hu ma kienx b'ebda mod involut parti fid-decizjoni li kienet hadet il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji

riferibbilment biex grupp ta' nies jiehdu seniority aktar qawwija izda qal li jaf dawk l-affarijiet mill-files tad-dipartiment.

Enriquez kompla jghid li ghamel il-verifiki mal-file tar-rikorrent u sab diversi ittri fosthom dik tal-hatra bhala Director Operations fid-Dwana b'effett mit-2 ta' Novembru 1993 flimkien mal-performance agreement. Sab id-digriet tal-President tar-Repubblika u l-ittra dwar il-hatra bhala Segretarju Permanenti b'effett mis-17 ta' April 1997. L-ittra tal-hatra bhala Ufficjal fi grad 4 b'effett mit-2 ta' Novembru 1999, l-ittra tal-hatra ta' Director Operations fid-Dwana b'effett mill-10 ta' Mejju 2000, l-ittra fejn it-Tezor gie nfurmat li r-rikorrent kellu jithallas compensation package marbut mal-post ta' Segretarju Permanenti Health sad-9 ta' Mejju 2000.

Kien hemm ittra tar-rikorrent datata 2 ta' Awissu 2000 lis-Segretarju Permanenti dwar il-kuntratt tieghu bhala Segretarju Permanenti li ma giex imgedded, u t-twegiba tas-Segretarju Permanenti fis-27 ta' Awissu 2000 fejn dan qal li hatriet pubblici jsiru fuq bazi ta' kompetizzjoni bejn l-ahjar kandidati u l-ghazla tkun rizultat ta' dan il-process u dan sar fil-kaz tas-Segretarju Permanenti Health. Imbaghad kien hemm ittra tal-hatra ta' Direttur Operations fid-Dwana b'sehh mill-5 ta' Mejju 2000 flimkien mal-performance agreement relattiv.

Xehed James Catania Principal fl-Ufficcju tal-MPO li esebixxa lista ta' ufficjali pubblici li kienu wara r-rikorrent fl-istaff list tal-1986 u li deheru qablu bhala Assistant Heads fl-Istaff List tal-1989.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent huwa bazat fuq: 1) li gie trasferit minn post ghall-iehor minghajr raguni valida; 2) li tilef postu minn fuq l-istaff list tas-Servizz Civili u kawza ta' hekk tilef l-opportunita` ghall-promozzjoni u li jithallas il-paga relattiva ghal dak il-grad mill-gurnata li hu suppost ha tali promozzjoni.

A) Dwar l-aspett tat-**trasferiment** it-Tribunal jibda biex jikkwota dak li qal fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Illi fil-kaz in kwistjoni jidher li gie registrat fuq il-kotba biss transfer partikolari izda apparti d-depozizzjoni tar-rikorrent hemm dawk ta' Tony Briguglio, Charles Stafrace, Charles Spiteri Shaw u Joe Sammut li jippruvaw li fil-fatt saru kwantita` ta' trasferimenti. Infatti jirrizulta li mill-Ministeru tas-Sahha r-rikorrent gie trasferit ghad-Dipartiment tas-Sahha fejn dam biss gurnata u wara gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Posta u wara gurnata u nofs gie trasferit ghad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili. Wara gimgha spicca mid-DCA u gie nfurmat biex imur id-dar sakemm isibulu post. Spicca Kastilja minghajr xoghol u gie trasferit il-Water Works Department.

Matul il-kors tal-kawza rrizulta li r-rikorrent kien persuna kapaci fix-xoghol tieghu u dedikat ghax-xoghol. Ma gie pruvat xejn hazin fil-konfront tieghu. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal meta saru dawn it-trasferimenti kollha saret ingustizzja mieghu kif definita fil-Kap 394 u ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

B) Dwar in-**nuqqas ta’ promozzjoni** l-intimat eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontradittur minhabba li tali hatriet isiru mill-Prim Ministru.

L-Artikolu 92(4) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jghid hekk:

“Il-kapijiet ta’ dipartimenti tal-gvern li ma jkunux dawk li l-mod ta’ hatra taghhom huwa specifikatament provdut f’din il-Kostituzzjoni ghandhom ikunu mahtura minn fost l-ufficjali pubblici anzjani mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.”

Minn dan jidher car li l-persuna responsabbli ghall-hatra ta’ Kap ta’ Dipartiment huwa responsabbli l-Prim Ministru u mhux is-Segretarju Permanenti. Ara wkoll il-kawza fl-ismijiet Victor Vella Muskat vs Onorevoli Prim Ministru deciza fl-24 ta’ Frar 2003 minn dan it-Tribunal. Illi ghalhekk huwa inutili li t-Tribunal jezamina l-mertu tat-talba tar-rikorrent meta l-intimat mhux il-legittimu kontradittur fuq dan l-aspett tal-ilment u ghalhekk jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar transfers gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ tlett elef lira [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------